MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Numru. 931/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Alerxander Grech]**

**vs**

**Elaine Spiteri**

Kumpilazzjoni Numru: 931/2008

Illum 10 ta’ Novembru, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Elaine Spiteri, ta’ 24 sena, mwielda Pieta nhar it-23 ta’ Settembru 1983, bint Vince u Gina nee Fenech, u residenti Door A, Flat 1,

Scheme 1 Paola Hill Paola, detentrici ta’ Karta ta’ l-Identita b’numru 493983M.

Akkuzata talli bejn l-20 u l-21 ta’ Settembru 2008 minn go residenza sitwata Block 1, Flat 19, Scheme 3, Paola Hill Paola, ikkommiet serq ta’ cwievet u oggetti tad-deheb ta’ valur ta’ izjed minn Lm100, jew Euro233 u anqas minn Lm1000 jew Euro2325 ghad-dannu ta’ Jesmond u Sharon Borg minn Rahal Gdid, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-persuna u dan bi ksur ta’ l-artikoli 261(b)(c)(d), 263, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 10 ta’ Novembru 2008 l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din  l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-artikoli 261(b)(c)(d), 263, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata amettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta’l-imputata mal-pulizija, l-ammissjoni taghha f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, l-fedina penali ta’l-imputata li hija wahda netta, u l-fatt li l-oggetti misruqa gia gew ritornati lid-derubati.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli l-artikoli 261(b)(c)(d), 263, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-

Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputata taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghha u x'jigri jekk hija tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' tmintax il-xahar.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------